# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum l-14 ta' Jannar 2020**

Appell numru 502 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Saviour CARABOTT**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta' Novembru 2017 fil-konfront ta' **Saviour CARABOTT, KI 0268966M** fejn ġie mixli talli:

   Fl-14 t'April 2016 u fis-snin ta' qabel, fil-fond 33, Dipper, Triq Axtart, Marsaxlokk ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imsemmi fis-subregolament 4(1)(e) tal-L.S.549.42 minghajr ma ghamel talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u minghajr ma kien awtorizzat minn din l-awtorita bil-miktub b'dak it-trasferiment jew id-disponiment;

Il-Qorti hija mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. ta' l-2006 hekk kif emendat.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat u semgħet il-provi prodotti u rat id-dokumenti kollha eżebiti f'dan il-każ, rat ir-regolamenti 4(2) tal-L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu għall-piena ta' multa ta' elf euro (€1000) u ssospenditlu l-liċenzja għal żmien sentejn minn dakinhar tas-sentenza.

3. Rat l-appell intavolat mill-ħati permezz ta' rikors li jġib id-data tas-27 ta' Novembru 2017 li permezz tiegħu huwa qajjem diversi aggravji, li in suċċint, huma :

(a) Li l-appellant ġie misjub ħati fuq imputazzjonijiet li ma kienux jipprovdu data speċifika minħabba li ġie mixli b'reat li allegatament seħħ fl-***14 t'April 2016 u fis-snin ta' qabel***.

(b) Li l-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aqwa prova li r-reat seħħ fiż-żmien inkriminat;

(c) Li l-azzjoni kienet milquta mill-preskrizzjoni skont dak imsemmi fl-artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali;

(d) Li l-Prosekuzzjoni naqset li ġġib l-aqwa prova dwar l-allegat lok tal-kommissjoni tar-reat;

(e) Li l-Prosekuzzjoni naqset li ġġib l-aqwa prova dwar l-element materjali tar-reat;

(f) Li l-Prosekuzzjoni naqset li ġġib l-aqwa prova dwar li l-appellant kellu liċenzja u b'hekk ma setgħet qatt tordna s-sospensjoni tal-liċenzja.

U kien għalhekk li l-appellant talab lil din il-Qorti biex tħassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena.

4. Il-funzjoni u s-setgħat ta' din il-Qorti ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk tistħarreġ ix-xiehda tax-xhieda li xehdu fl-Ewwel Istanza, din xorta tibqa' Qorti ta' reviżjoni u mhux ritrattazzjoni. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, din il-Qorti terġa tanalizza l-provi u l-argumenti fattwali u legali li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza – iżda ma tagħmilx dan biex tissostitwixxi lilha nnifisha għall-Qorti tal-Prim'Istanza.

6. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti ta' Prim'Istanza.[2] Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali teżerċita setgħa ta' reviżjoni billi tanalizza jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew prodotti u tal-argumenti fattwali u legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa f'dan is-sens u għalbiex tilħaq dan l-għan

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet apprezzament leġittimu u raġonevoli tal-provi u tkun għamlet analiżi korretta u raġonevoli tal-argumenti legali u fattwali imresqin quddiemha, din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa minn dik il-Qorti tal-Prim'Istanza. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tiġi konvinta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew tal-argumenti fattwali u legali imresqin quddiemha, b'mod li din il-Qorti tħoss li la jkun sigur u l-anqas sodisfaċenti tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, imbagħad din il-Qorti għandha s-setgħa li eċċezjonalment tiddisturba l-eżami, apprezzament, diskrezzjoni u deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati u tibdilhom skont il-każ.

8. Illi din il-Qorti riedet li tisma' mill-ġdid ix-xiehda ta' Ryan Bonello, rappreżentant tal-Wild Birds Regulation Unit li kien xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li kien preżenta sett ta' dokumenti voluminużi u dan peress li x-xiehda tiegħu ma kienetx ġiet reġistrata mill-Qorti tal-Maġistrati. Matul is-seduta tal-10 t'Ottubru 2019 il-Prosekuzzjoni infurmat lil Qorti li dan ix-xhud ma setgħax jiġi rintraċċjat – lanqas fuq il-post tax-xogħol il-ġdid tiegħu. Dil-Qorti hija kostretta tirrimarka, għal darb'oħra, li l-proċedura li x-xiehda tax-xhieda ma tiġix reġistrata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qegħda twassal għal sitwazzjonijiet

preokkupanti fejn il-kwadru probatorju li jitwassal lil din il-Qorti, li hija Qorti ta' reviżjoni u mhux ritrattazzjoni, qiegħed bosta drabi jirriżulta differenti minn dak li jkun ġie prodott quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, jew bħal ma ġara f'dan il-każ, din ix-xiehda tkun assenti għal kollox. Dan iwassal biex din il-Qorti ma tkunx tista' tagħmel xogħolha bħala Qorti ta' reviżjoni għaliex jekk ma jkollhiex ix-xiehda tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kif tista' hi tirrevedi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk dik, in bażi għal dawk il-provi setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha?

9. Mill-banda l-oħra meta x-xiehda li jkunu xehdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jixhdu quddiemha mill-ġdid, hija ma jkollhiex kontroll fuq dak li jkun qed jingħad quddiemha minn dak ix-xhud minħabba li ma tkunx taf dak ix-xhud xi jkun xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti tintebaħ biss jekk xi parti tipprotesta jew meta mid-dokumenti li din il-Qorti jkollha quddiemha tintebaħ li jkun hemm tali differenzi.

10. F'dan il-każ, ix-xiehda ma ġietx traskritta, u mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma tista bl-ebda mod tgħid dan ix-xhud x'xehed. Dan iwassal għal sitwazzjoni fejn din il-Qorti ma tistax tagħmel eżerċizzju ta' reviżjoni.[3]

[3] Hemm ħtieġa impellenti li x-xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tibda' tiġi reġistrata b'mod sħiħ fuq mezzi awdjo b'mod li r-reġistrazzjoni tinżamm għad-disposizzjoni tal-Qorti u tkun tista' tiġi mqegħda għad-disposizzjoni tal-Qorti tal-Appall fil-każ li jkun sar appell. Fin-nuqqas t'appell, din ir-reġistrazzjoni ma jkunx hemm aktar ħtieġa tagħha u tkun tista' titħassar u l-memorja tiġi wżata għal każijiet oħra. It-traskrizzjoni tax-xiehda tkun teħtieġ li ssir biss fil-każ li jkun hemm appell mis-sentenza. Dan inaqqas l-inċidenza ta' diskrepanzi fil-verżjonijiet tal-partijiet bejn dak li jkunu xehdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u dak li jkunu xehdu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Fl-istess waqt iħaffef ix-xogħol tal-Qorti tal-Appell peress li ma jkollhiex għalfejn toqgħod tisma' mill-ġdid ix-

11. Issa konfrontati b'din id-diffikulta, matul is-seduta tal-10 t'Ottubru 2019 il-partijiet ivverbalizzaw is-segwenti : -

> Id-Difiza u l-Prosekuzzjoni filwaqt li jaqblu li dan kien xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll kien esebixxa dokumenti li jinsabu fl-atti minn fol 1 sa fol 111, ukoll jaqblu illi minn dak li rrizulta minn dawk id-dokumenti, skont dan ix-xhud irrizultalu li kien hemm 160 ezemplari nieqes minn fejn dan ix-xhud xehed li kienet saret l-ispezjoni. F'dan is-sens il-partijiet qeghdin jaqblu li jistriehu fuq l-atti kif inhuma u m'humiex jikkontestaw dan l-istes sehh (*sic! sett*) ta' dokumenti. Minbarra dan ix-xhud, il-Prosekuzzjoni tirreferi ghall-Affidavit.

12. Illi f'dan il-każ ir-reat kontestat lill-appellant huwa dak ai termini tar-regolament 4(2) tal-L.S. 549.42 viġenti meta kienet saret l-ispezzjoni:

> Kull minn bi ħsiebu jittrasferixxi jew b'xi mod ieħor jiddisponi minn xi għasfur imsemmi fis-subregolament (1)(*e*) għandu jagħmel dan wara talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li għandha, fid-diskrezzjoni tagħha, tawtorizza bil-miktub dak it-trasferiment jew id-disponiment wara li jkun tħallas id-dritt elenkat fl-Iskeda X.

13. Illi l-piena applikabbli għal persuna li tkun ġiet misjuba ħatja li kkommettiet dan ir-reat hija dik ta' multa, flimkien mas-sospensjoni tassattiva tal-liċenzja maħruġa taħt dawk ir-regolamenti.

---

xiehda tax-xhieda li jkunu xehdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Inoltre tevita li xiehda joqgħodu jiġi mħarka aktar minn darba quddiem dawn il-Qrati bil-konsegwenti inkonvenjenti għalihom, jekk mhux ukoll, f'ċirkostanzi partikolari retrawmatizzazzjoni. Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati saru dejjem aktar komplessi grazzi wkoll għaż-żieda fil-kompetenza oriġinali u estiża ta' dik il-Qorti. Dik il-Qorti ma għadhiex aktar Qorti ta' ġurisdizzjoni sommarja kif tradizzjonalment kienet tinftiehem; u din il-bidla trid tiġi riflessa wkoll fil-proċeduri li jirregolaw l-aspett amministrattiv tax-xogħol tagħha biex il-persuni li jirrikorru għal dawn il-Qrati, kemm għax ikunu jridu kemm jekk ikunu mġegħela, ikollhom servizz aħjar.

14. Ir-reat de quo għalhekk jiġi integrat meta persuna li tkun bi ħsiebha tittrasferixxi jew b'xi mod ieħor tiddisponi minn xi għasfur imsemmi fis-subregolament (1)(*e*), tkun : -

**(a) naqset milli tagħmel talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi;**

**(b) u minkejja dan, titrasferixxi jew b'xi mod ieħor tiddisponi minn xi għasfur imsemmi fis-subregolament (1)(*e*),**

**(c) meta ma tkunx ġabet l-awtorizzazzjoni minn qabel u bil-miktub tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, u wara li tkun ħalset id-dritt elenkat fl-Iskeda X.**

15. Dan ir-regolament jeżiġi li tali talba trid issir <u>**qabel**</u> ma dak li jkun jiddisponi jew jitrasferixxi għasfur imsemmi fis-subregolament 1(e) ta' din il-Liġi Sussidjarja. Ir-reat iseħħ il-mument li dak li jkun jitrasferixxi jew jiddisponi mill-għasafar de quo meta huwa jkun għamel dan mingħajr ma qabel ikun applika għall-permess mingħand it-Taqsima biex jagħmel dan u b'hekk la jkun ġab l-awtorizzazzjoni tat-Taqsima u wisq anqas ħallas id-dritt elenkat fl-Iskeda X. Il-mument li dak li jkun iddispona mill-għasafar, ikun inutli imbagħad li jmur jitlob il-permess tal-Awtorita għax it-trasferiment jew disponiment ikun laħaq sar mingħajr ma tali talba preċedenti tkun saret.

16. F'dan is-sens għalhekk il-partikolarita taż-żmien hija partikolarment importanti biex ikun jista' jiġi mistħarreġ jekk u safejn ikun ġie integrat dan ir-reat. Issa f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni wriet biċ-ċar

element t'inċertezza dwar din id-dimensjoni temporali in kwantu riflessa fil-lokuzzjoni b'mod mill-aktar ġeneriku tal-komparixxi li ssemmi mhux biss id-data tal-ewwel ispezzjoni – 14 t'April 2016, iżda wkoll ***u fi snin ta' qabel***. Din il-formula xejn feliċi pero ltaqgħet ma ostaklu li l-Prosekuzzjoni ma setgħetx tegħleb in kwantu ma kellhiex il-prova ta' meta seħħ id-disponiment tal-għasafar.

17. Fin-nuqqas tad-deposizzjoni ta' Ryan Bonello din il-Qorti tista' biss tistrieħ fuq dak li hemm imniżżel fid-dokumenti eżebiti minnu kif imsemmija aktar il-fuq. Jirriżulta li fil-11 ta'Frar 1998 ċertu ***Silvio*** Carabott bil-KI 268966M kien iddikjara mad-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Ambjent għadd ġmielu t'għasafar li kellhom jinżammu fil-fond "Dipper" Axtard Road, Marsaxlokk.[4]

18. Imbagħad jirriżulta li fit-28 ta' Mejju 2003 l-istess Silvio Carabott, residenti 33, Dipper, Axtard Road, Marsaxlokk, kien applika mad-Direttorat għall-Ħarsien ta' l-Ambjent – MEPA għaż-żamma ta' l-għasafar protetti ibbalzmati skont l-A.L. 146 tal-1993 u preżenta lista t'għasafar.[5]

19. Imbagħad a fol 110 u 11 hemm lista – preżumibbilment miktuba minn xi ħadd f'dan id-Direttorat li jindika *Disposal List : Taxidermy*

[4] Ara fol 4 saa 12.
[5] Ara fol 12 sa 39.

*Collection Inspection Report.* Preżumibbilment huma dawn l-għasafar li jifformaw il-mertu tal-każ tal-Prosekuzzjoni.

20. Illi dawn il-listi kienu diġa ġew preżentati fl-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, li kellha l-benefiċċju tisma' x-xiehda ta' Ryan Bonello jispjega l-kontenut tad-dokumenti riċevuti minnha – u dan a differenza ta' din il-Qorti li dwar din l-ispjega ser tibqa' fl-għama. Biss skont dak verbalizzat mill-partijiet din il-Qorti tista' tistrieħ fuq il-fatt li dawn l-għasafar fil-fatt ma kienux instabu preżenti fuq il-post meta kienet saret l-ispezzjoni mill-WBRU.

21. Biss il-mistoqsijiet determinanti għal dan il-każ jibqgħu – meta sar dan u kif. Dawn il-mistoqsijiet ma għandhomx tweġiba b'mod sikur, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

22. Dan id-dettall huwa importanti ħafna għal dan il-każ. Ir-raġuni hija li r-regolament 4(2) l-anqas kien daħal fl-ewwel verżjoni tal-A.L. 79 tal-2006 iżda kien daħal fis-seħħ bis-saħħa tal-A.L. 39 tal-2007. U għalhekk il-Prosekuzzjoni riedet tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li n-nuqqas tal-appellant li jitlob għall-ħruġ ta' permess mit-Taqsima kompetenti biex jiddisponi mill-għasafar *de quo* kellu jsir **wara** d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Avviż Legali u li huwa ddispona minn dawn l-għasafar wara li daħal fis-seħħ dan l-Avviż Legali. Dan qiegħed jingħad għaliex l-ewwel lista tirriżulta li kienet

saret fl-1998 u t-tieni waħda fl-2003 – ċjoe qabel id-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali relattiv.

23. Din il-prova ma jirriżultax li ġiet imresqa mill-Prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Prosekuzzjoni ma setgħetx tistrieħ fuq id-data ta' meta saret l-ispezzjoni u tqisha bħala dik li fiha ġie kommess ir-reat de quo. Dak li jsawwar ir-reat mhux daqstant in-nuqqas tal-permess fih innifsu, daqskemm il-fatt li dak li jkun jilħaq jiddisponi mill-għasafar **mingħajr** ma jkun talab għal tali permess, ħallas id-dritt elenkat fl-Iskeda X u ottjena l-awtorizzazzjoni għal dan id-disponiment. F'dan is-sens dan huwa reat istantaneu.

24. Id-Difiża ġustament tilmenta minħabba l-fatt li mill-mod kif inhi redatta l-imputazzjoni fl-14 t'April 2016 u fis-snin ta' qabel ma kienetx imputazzjoni ċerta, kif ukoll li l-anqas inġiebet prova li r-reat de quo seħħ fl-***14 t'April 2016 u fis-snin ta' qabel***. Tgħid ukoll li r-reat semmai kien preskritt skont dak imsemmi fl-artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali.

25. Fuq dan il-punt id-Difiża għandha raġun. Il-lokuzzjoni użata li tinkludi mhux biss siegħat, jiem, ġimgħat jew xhur qabel iżda snin – snin – hija lokuzzjoni bilwisq ġenerika meta trattasi ta' reati ta' natura kriminali li għalihom fil-każ ta' ħtija tista' tingħata piena.

Biss agħar minn hekk il-Prosekuzzjoni l-anqas tat indikazzjoni ta' kemm il-sena qabel. Issa jekk din il-Qorti kellha, *gratia argomenti*, tinterpreta dan bl-aktar vantaġġ għall-Prosekuzzjoni u għad-Difiża u tqis li tali żmien rifless fil-lokuzzjoni *snin ta' qabel* ma jistax imur oltre l-perjodu preskrittiv għar-reat in disamina, xorta waħda jfisser li ladarba r-reat de quo huwa punibbli bil-piena tal-multa, skont l-artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali il-Prosekuzzjoni riedet tipprova li r-reat seħħ almenu fi żmien sentejn mid-data speċifika inkriminata. Dan qiegħed jingħad għaliex kontra dak imsemmi mill-Prosekuzzjoni ir-reat de quo ma kienx milqut mid-dispost tal-artikolu 692 tal-Kodiċi Kriminali jiġifieri li ż-żmien tal-preskrizzjoni għad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-ħati ma jkunx magħruf. Il-ħati setgħa jkun magħruf a tempo debito li kieku l-Awtoritajiet kienu attrezzati biżżejjed biex jagħmlu spezzjonijiet fi żmienhom u f'waqthom u ma jħallux mill-2003 sal-14 t'April 2016 biex jagħmlu spezzjoni fuq l-appellant. Kieku użaw id-diliġenza meħtieġa minnhom setgħu ikunu f'qagħda ferm aħjar biex jiddeterminaw il-ħtija tal-appellant, fi żmienha u f'waqtha. U mhux Ġust li ċittadin, jispiċċa biex jibqa' suġġett għal proċeduri kriminali għal snin twal minħabba li xi Awtorita jew oħra ma tkunx attrezzata biżżejjed biex tagħmel spezzjonijiet f'waqthom.

26. F'din l-aħjar ipoteżi għall-Prosekuzzjoni għalhekk, hija riedet tipprova li r-reat de quo twettaq fil-perjodu imsemmi. Din il-prova hija mankanti. Apparti minn hekk din il-modalita u lokuzzjoni, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, hija nieqsa mill-proporzjonalita' u r-

raġonevolazza.  Din il-Qorti ma tqisx għalhekk li, in bażi għall-istat tal-atti, sentenza kundannatorja tista' titqies sikura u sodisfaċenti.

# *Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lil Saviour Carabott minn kull imputazzjoni, ħtija, piena u konsegwenza.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***